MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1336/2005

**Maltacom p.l.c. – C 22334**

**Vs**

**Cherlye Ogilvie I.D. 354469 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Gunju 2005, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u ghaxar Liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm810.85), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-30 ta’ Settembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tmien mija u ghaxar Liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm810.85), bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------